MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Numru. 891/2003

Il-Pulizija
(Spettur Chris Galea Scannura)

vs

Joseph Curmi

Il-Qorti,

Rat li l-imputat ta’ Joseph Curmi, ta’ 24 sena, iben Angelo u Filippa xebba Marmara, imwieled Pieta fit-23 ta’ April, 1983 u residenti gewwa St Joseph, Triq Addeodato Gatt, Zebbug, Malta, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 224883(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-21 ta’ Gunju 2003 ghall-habta tan-nofs siegha ta’ filghaxija gewwa l-Bypass tas-Siggiewi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkaguna l-mewt ta’ Joseph Borg ta’ 51 sena mis-Siggiewi u dan

meta kien qed isuq vettura tal-marka Toyota b'numru tar-Registrazzjoni GAU 745;

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi Joseph Curmi minn kull licenzja tas-sewqan u aktar milli jkollu jew jottjeni kull licenzja tas-sewqan ghaz-zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, kif ukoll tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghat ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza. Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-18 ta' Novembru, 2004 (a folio 61 tal-process).

Semghat lill-imputat jiddikjara fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004 li huwa ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirizulta a folio 62 ta' l-atti odjerni.

Semghat lill-partijiet jitrattaw il-kawza fis-seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006.

Ikkunsidrat:

Illi fil-15 ta' Jannar, 2004 xehed l-Ispettur Chris Galea Scannura u qal li fil-21 ta' Gunju, 2003 ghall-habta tas-1.45p.m. il-Pulizija ta' Hal Qormi kienet giet infurmata li kien hemm incident tat-traffiku fi Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi, is-Siggiewi. Il-Pulizija marru fuq il-post u sabu lil certu joseph Borg illi kien mejjet, u gie hekk iccertifikat mit-tabib Dr C. Muscat mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana. Fuq il-post kien hemm ukoll l-imputat Joseph Curmi fi stat ta' *shock*. Giet infurmata il-Magistrat ta' l-Ghassa li kienet il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera u nfethet inkjesta magisterjali (esebita a folio 27 et seq tal-process).

Jonathan Muscat li xehed fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2006 qal li fil-21 ta' Gunju, 2003 huwa kien passiggier f'vettura msijuqa mill-imputat. Huma kienu sejrin il-bahar meta kellhom incident fit-triq it-twila tas-Siggiewi inti u diehel lejn il-pjazza. Dan ix-xhud ighid li kien hemm vettura quddiemhom li huma kienu ser jissorpassaw meta

fid-daqqa u l-hin hareg mutur min-naha tax-xellug tal-vettura u dan dar ghal fuqhom f'daqqa wahda. Huwa spjega li ma kienx induna mal-ewwel b'dan il-mutur li huma habtu mieghu u l-mutur gie fuq in-naha tieghu u nfaqa' l-windscreen. Dan ix-xhud isostni li huma kienu qed isuqu b'certu velocita' ghaliex riedu jissorpassaw vettura ohra izda jghid li ma kienux qed isuqu bi speed eccessiv. Fuq domanda tal-Qorti, Muscat qal li ma jafx izda ma jahsibx li huma kienu qabzu id-double white line bil-vettura taghhom. Dan ix-xhud spjega li huwa ma kienx induna bil-mutur qabel il-habta peress li huwa kien passiggier u allura ma kienx qed isuq u jhares l'hemm u l-vettura li kienu qed jaqbzu lanqas biss jaf x'kienet.

David Farrugia li wkoll xehed fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2006 spjega li fil-21 ta' Gunju, 2003 wara nofsinhar huwa kien ghaddej bil-vettura tieghu fil-By pass tas-Siggiewi meta f'hin minnhom ra vettura quddiemu li ma jafx x'kulur u ghamla kellha u f'salt minnhom ra lil din il-vettura iddur fuq il-lane bil-kontra, fis-sens li qabzet fuq il-lemin u giet wrong side. Dan ix-xhud jghid li huwa kien ra mutur gej mid-direzzjoni opposta u f'salt minnhom ra r-ragel li kien fuq il-mutur jaqbez fl-arja, idur u gie fuq in-naha tal-lemin tal-vettura li ghamel referenza ghaliha, u cioe' dik il-vettura li huwa jghid ra ghaddejja *wrong side*. Farrugia jghid li huwa ma waqafx izda baqa' sejjer jaghmel rapport lil pulizija ghaliex haseb li dak ir-ragel seta miet.

PC 402 Joseph Scerri li xehed fis-seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004 qal li fil-21 ta' Gunju, 2003 kien sar breathaliser test fuq Joseph Curmi u cioe' l-imputat, fil-Polyclinic tal-Furjana u r-rizultat ta' dan it-test kien negattiv.

L-imputat Joseph Curmi xehed fis-seduta tat-8 ta' April, 2005 fejn qal li fil-21 ta' Gunju, 2003 ghal habta ta' 12.30p.m. huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fil-Bypass tas-Siggiewi, kellu bhalu passiggier lil siehbu u kienu sejrin il-bahar. Huwa jghid li meta waslu fil-Bypass tas-Siggiewi huwa qaleb ghal fuq il-kareggjata ta' barra ghaliex quddiemu lejn ix-xellug kien hemm vettura li ried jissorpassa u li huwa ghadda minn hdejha u x'hin beda jghaddi minn hdejn din il-vettura hareg mutur ghall-

gharrieda minn quddiem din il-karozza u huwa x'hin ra l-mutur riesaq lejh prova jiskapulah billi gibed brejk u tefa' lejn il-lemin izda xorta wahda sehh l-incident. L-imputat qal li jahseb li l-mutur ried idur ghal side street u li dan il-mutur ma deherx quddiem il-vettura li kien qed jissorpassa u ghalhekk huwa rah biss meta hareg ghal quddiemu.

In kontro-ezami l-imputat qal li t-triq fejn sehh l-incident hija wiesgha. Huwa qal ukoll li l-mutur ma rahx hiereg u qal li meta rah kien tard wisq. Qal li huwa jimmagina li hareg min-naha tax-xellug. Meta gie sugerit lilu li fil-fatt il-mutur kien gej mid-direzzjoni opposta u l-incident sehh fil-karreggjata tan-naha l-ohra tat-triq, l-imputat irrisponda li ma jistax ikun. L-imputat spjega li huwa kien sejjer fid-direzzjoni ta' Ghar Lapsi u qabel l-incident ma saqx fuq il-karreggjata tieghu izda fuq il-karreggjata l-ohra tat-triq izda jghid li dan gara ghaliex x'hin huwa ra il-mutur qed idur quddiemu huwa mar fuq in-naha l-ohra tat-triq sabiex jevita l-impatt. L-imputat spjega li ghaddew biss ftit sekondi mill-mument li huwa ra l-mutur sakemm sehh l-incident. Huwa qal li kien ghaddej b'velocita ta' 60/70 fis-siegha izda ma jafx humiex mili jew kilometri u qabel li l-mutur ta' Joseph Borg kif jidher fil-pjanta qieghed madwar 60m l-boghod minn fejn jidhru l-ewwel *brake marks* tieghu skond l-imputat il-vettura tieghu fl-ebda hin ma daret 360 degrees izda jaqbel li daret ftit fl-ahhar. L-imputat spjega li malli ra l-mutur huwa ghafas il-brejk.

Fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2006 xehed Michael Borg li huwa hu l-vittma, u cioe' hu Joseph Borg. Dan ix-xhud jghid li dak in-nhar ta' l-incident huh kien fid-dar tieghu (u cioe' tax-xhud) li tinsab 28, Old Church Street, Siggiewi u telaq minn hemm sabiex imur jinhasel id-dar tieghu li tinsab 83, Triq il-Kbira, Siggiewi, u cioe' kien sejjer min-naha ta' l-Imqabba ghal pjazza tas-Siggiewi. Meta mistoqsi jekk jistax ikun li huh kien gej mill-ghalqa li huma ghandhom Haz Zebbug, ix-xhud qal li huma ma kellhom ebda ghalqa, Haz Zebbug. Inoltre dan ix-xhud spjega li xi nofs siegha wara li telaq huh mid-dar tieghu huwa kien sejjer fid-dar ta' huh u ghalhekk ghadda mill-istess direzzjoni li kien ghadda minnha Joseph Borg u ra l-

ambulanza. Huwa spjega li Old Church Street qeghda l'isfel mill-ghassa tas-Siggiewi u li Triq il-Kbira tigi fil-pjazza tas-Siggiewi.

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni u jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien in-nuqqas ta' hsieb u t-traskuragni fis-sewqan ta' l-imputat odjern li kkawza l-incident awtomobilistiku de quo u cioe' dak li sehh fil-21 ta' Gunju, 2003 fi Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi, Siggiewi bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAU 745 misjuqa mill-imputat u l-mutur bin-numru tar-registrazzjoni FAA 116 misjuq minn Joseph Borg, bhala kawza ta' liema tilef hajtu l-imsemmi Joseph Borg.

Mix-xhieda ta' David Farrugia li kien xhud ghal kollox indipendenti li nzerta ghaddej minn fuq il-post bil-vettura tieghu u ra l-incident isehh, u mill-pjanta mhejjija mill-Perit Valerio Schembri (a folio 157 tal-process verbal) li gie nominat bhala espert tekniku fl-inkjesta magisterjali mill-Magistrat Inkwierenti jirrizulta li l-impatt sehh fuq in-naha tal-lemin tat-triq ghal vetturi sejrin fid-direzzjoni ta' l-Imqabba, u li ghalhekk l-imputat Curmi kien kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq meta sehh l-impatt. David Farrugia fil-fatt jikkonferma li huwa ra l-mutur gej mid-direzzjoni opposta li fiha kienet qed tiprocedi l-vettura li laqtet il-mutur ( u cioe' l-vettura misjuqa mill-imputat) u jghid wkoll li huwa ra lil din il-vettura tinstaq kompletament wrong side qabel ma sehh l-impatt.

Il-pjanta mhejjija mill-Perit Valerio Schembri fil-fatt turi brakemarks twal li huma angolati lejn il-lemin u li jibdew u jispiccaw kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq. L-imputat jghid li huwa ghafas il-brejk meta ra l-mutur. Il-pozizzjoni tal-brake marks misjuba fuq il-post ta' l-incident u riportati fuq il-pjanta mhejjija mill-Perit Valerio Schembri jindikaw ghalhekk li fil-mument li l-imputat ghafas il-brejk huwa kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq. It-tul tal-brake marks, l-entita tal-hsara riportata fil-vettura ta' l-imputat u d-distanza li fiha spicca l-mutur misjuq mill-

vittma jindikaw ukoll li l-imputat kien qed isuq b'velocita' eccessiva.

Kif inghad aktar il-fuq l-imputat u l-passiggier li kellu fil-vettura tieghu, u cioe' Jonathan Muscat, isostnu li huma kienu qed jissorpassaw vettura li kienet quddiemhom meta f'daqqa wahda hareg ghal quddiemhom il-mutur min-naha tax-xellug, u cioe' huma jsostnu li l-mutur kien qed jinstaq fl-istess direzzjoni li kienu sejrin fiha huma. Il-Qorti jidrilha li din il-verzjoni tal-fatti m'hijiex kredibbli u ma tistax titwemmen u dan ghal diversi ragunijiet. L-imputat stess fil-fatt jammetti li huwa ma kienx ra l-mutur gej mix-xellug ghal lemin. Inoltre, Michael Borg, li huwa hu l-vittma, ikkonferma li huh kien telaq mid-dar tieghu (u cioe' tax-xhud) li tinsab f'Old Church Street, Siggiewi u kien sejjer fid-direzzjoni tal-pjazza tas-Siggiewi, u cioe' kien sejjer mid-direzzjoni ta' l-Imqabba u fid-direzzjoni ta' Haz Zebbug, u dan jikkonferma dak li qal David Farrugia u cioe' li Joseph Borg kien gej mid-direzzjoni opposta ghal dik li kien qed isuq l-imputat.

Mill-provi jirrizulta ghalhekk u minghajr ombra ta' dubju li l-incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Gunju, 2003 u li jifforma l-mertu tal-kawza de quo sehh unikament minhabba traskuragni u nuqqas ta' hsieb ta' l-imputat Joseph Curmi li kien qed isuq kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u b'velocita' eccessiva.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi, l-Qorti wara li rat l-Artikoli msemmija fin-nota ta' l-Avukat Generali tat-18 ta' Novembru, 2004, u cioe' l-Artikoli 225, 30, 20, 23 u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, tiddeciedi li tikkundannah ihallas multa ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) u tiskwalifikah milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' sitt (6) xhur millum. B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 14 (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-multa ta' tmien mitt lita Maltin (LM 800) tista' tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira Maltin (LM50) b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, 2007 u b'dan illi jekk l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi konvertit fi

priguneriја bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hames lira (LM5) dovuta.

Il-Qorti qeghda wkoll b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjes kollha konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------